**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Mejju 2021**

Rikors Numru: 16/21 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 2362/1993)

Rat ir-rikors illi ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi r-rikorrenti żżewweġ lill-intimata C B permezz ta' ċerimonja reliġjuża fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Ħamrun fit-18 ta' Diċembru 1993 u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok A.

2. Illi l-partijiet effetwaw is-separazzjoni personali tagħhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Dottor

Joseph Abela fit-3 ta' Ġunju 2005, kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok B u b'hekk ilhom iktar minn ħmistax-il sena legalment separati minn xulxin;

3. Illi minn dan iż-żwieġ, il-partijiet għandhom żewġt ulied li jisimhom D B, li twieled fil-21 ta' Jannar 1996 u E B li twieldet fl-10 ta' Ġunju 1999, (skont ma jirriżulta miċ-ċertifikati hawn annessi u mmarkati dok "Ċ" u "D" rispettivament) u llum huma lkoll maġġiorenni;

4. Illi ż-żewġ ulied msemmija ma jattendu ebda skola u b'hekk l-estremi tal-Artikolu 3B (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta m'humiex applikabbli għalihom;

5. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut la lejn il-partijiet u lanqas lejn l-ulied tagħhom;

6. Illi llum-il ġurnata m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju ai termini tal-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A t seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti nkluz l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Jannar 2021;

Rat illi l-intimata prezenti fl-awla u fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m'ghandha ebda oġġezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Gunju, 2005;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.